**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Mejju 2001

Rikors numru 83/2000 AJM

Kawza numru

John Aquilina

Vs

Cettina Polidano

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Cettina Plidano presentat fit-18 ta' Jannar 2000. Hadet ukoll konjizzjoni tar-risposta tal-intimat u tal-provi prodotti.

Ittrattat ir-rikors.

Ikkunsidrat:-

Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti hija wahda pjuttost komplessa u kumplikata ghalkemm fis-semplicita' taghha hija talba ghall-revoka ta' mandat ta' sekwestru a termini ta' l-artikolu 836 tal-Kap 12.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

1. L-intimat John Aquilina kien mizzewweg ma Marlene Aquilina bint ir-rikorrenti odjerna. Minn dan iz-zwieg kien hemm zewgt it-tfal ta' eta' minuri.

2. Dan iz-zwieg gie regolat b'kuntratt ta separazzjoni tal-15 ta' April 1997 fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar. Fost il-provvedimenti tal-istess kuntratt u ta' pertinenza ghall-kwistjoni li tinsab quddiem din il-Qorti, jirrizulta li skond l-artikolu (5) il-kura u kustodja tal-ulied minuri giet fdata lill-omm u cioe Marelene Aquilina filwaqt li skond l-artikolu (6) tal-istess kuntratt, l-intimat odjern kien obbliga ruhu li jhallas rtta alimentarja ghall-uliedu minuri ta' mija u ghaxar liri fix-xahar.

3. Fl-4 ta' Marzu 1998 is-Sekond Awla tal-Qorti Civili, wara talba tar-rikorrenti odjerna, ipprovdiet dwar il-kura u kustodja tal-minuri, billi ordnat li din tigi fdata lill-istess Cettina Polidano, in-nanna taghhom. Inoltre dwar il-manteniment ipprovdiet li li dan kellu jithallas lilha mill-intimat John Aquilina (u dana kif dekretat sussegwentement b'digriet tad-9 ta'Lulju 1998 li ikkorrega 'in parte' id-digriet fuq imsemmi.)

4. Illi b'digriet iehor tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili (dig. Nru 1287/98) l-alimenti dovuti lill-ulied minuri kellhom jithallsu direttament mill-Enemalta Corp. fejn hu impjegat l-intimat.

5. B'rikors tas-17 ta' Dicembru 1999 l-intimat odjern talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru (mandat numru 5400/99) kontra r-rikorrenti odjerna u f'idejn l-Enemalta Corporation sabiex tigi mizmuma s-somma ta' LM1320.00 rappresentanti alimenti dovuti kif fuq inghad fuq perjodu ta' sena.

6. B'citazzjoni tat-23 ta' Dicembru 1999 (citaz. Numru 2760/99) l-intimat odjern talab li l-Prim Awla tal-Qorti Civili tiddikjara null

d-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili numru 1287/98 li permezz tieghu l-hlas tal-manteniment kellu jsir direttament mill-employer tieghu.

Ikkunsidrat:-

Dawn il-proceduri huma bejn missier ulied minuri u n-nanna tal-istess minuri li b'digriet tal-Qorti Sekond Awla, fl-akbar interess tal-istess minuri, giet fdata bil-kura u kustodja taghhom. Ghalhekk l-partijiet interessati proprjament ma humiex l-kontendenti billi fir-rigward tar-rikorrenti din ma hi ser tiehu xejn hlief li tircievi dak li haqqhom in-neputijiet taghha, u fir-rigward ta' l-intimat, l-obbligi tieghu ta' mantentiment vis-a-vis uliedu jitwieldu ex lege u inoltre huma stabbiliti fil-kuntratt ta' separazzjoni. Jsegwi li l-unika telliefa huma il-minuri li qeghdin jittrabbew minghajr dik l-assitenza li jisthoqqilhom skond il-ligi.

Jirrizulta infatti li minn dakinhar li r-rikorrenti giet moghtija l-kura u l-kustodja tal-minuri u bhala konsegwenza awtorizzata tippercepixxi dawk l-alimenti stabbiliti fil-kuntratt ta' separazzjoni sabiex tkun tista' tmantnihom u zzommhom kif trid il-ligi, l-istess minuri ma ircevew ebda pagament bhala rizultat ta' piki tal-missier. F'dan ir-rigward l-Qorti tistqasi kif jippretendi l-intimat li uliedu jittrabbew min-nannithom jekk huwa qed jonqos mill-obbilgu principali tieghu li jipprovdi ghall-ghejxien taghhom?

Illi s-sottomissjoni tal-intimat li dawn il-proceduri kellhom jittpoggew quddiem il-Qorti li qed tiehu konjizzjoni tal-kawza minnu interposta kien jkollhom sens kieku l-proceduri quddiem din il-Qorti diversament preseduta kienu gja bdew mixjin meta gie ppresentat ir-rikors. Mentri

jidher li sat-22 ta' Mejju 2000 ma kien ghadu gara xejn billi l-istess attur ma kienx gie notifikat bil-mozzjoni ta' l-appuntament tal-kawza minnu istitwita. Inoltre din il-Qorti thoss li fil-kuntest tat-talba maghmula fil-kawza citazzjoni numru 2760/99 ma jkux xieraq li dik il-Qorti li qed tikkunsidra n-nullita' tad-digriet tas-Sekond Awla, tigi mitluba li tiddecidi dwar l-htiega tal-mandat in kwistjoni billi b'dan il-mod tkun qed tippronunzja ruhha, a priori, dwar il-mertu.

Illi fic-cirkostanzi u tenut kont tal-ordni tal-Qorti Sekond Awla li, sakemm jigi dikjarat null fil-proceduri imsemmija, ghandu l-effetti kollha li trid il-ligi, t-talba ghandha tigi milqugha u b'hekk tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 5400/99 fl-ismijiet John Aquilina vs Cettina Polidano, billi ukoll tordna l-hrug ta' l-opportun kontro mandat.